

32000R1668

L 193/6

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

29.7.2000

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1668/2000**tas-17 ta' Lulju, 2000****li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 845/72 li jistabbilixxi miżuri speċjali biex jinkoraġġixxu t-tkabbir tad-dud tal-ħarir**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari Artikolu 37 ta' dan,

Wara li kkunsidra l-proposta mingħand il-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽²⁾,

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⁽³⁾,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 845/72 ⁽⁴⁾ jipprovdi għal għajjnuna tal-Komunità għal dud tal-ħarir imkabbar fil-Komunità li tkun stabbilita kull sena. Bi qbil mal-linja segwita għar-riforma ta' l-organizzazzjoni komuni tas-swieq b'rabta ma' Aġenda 2000 u biex jippermettu lill-produtturi li jaħdmu pjanijiet ta' produzzjoni fuq medda twila ta' żmien, l-għajjnuna għandha tkun stabbilita mingħajr limitu ta' żmien, mingħajr preġudizzju għal kull reviżjonijiet li jistgħu jkunu meħtieġa fil-futur.
- (2) L-għajjnuna għandha tkun stabbilita f'livell li jassigura livell ġust ta' għixien għal dawk li jkabbru d-dud tal-ħarir.
- (3) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 845/72 għandhom ikunu addottati bi qbil mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju, 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċitar ta' poteri ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni ⁽⁵⁾,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KEE) Nru 845/72 hu emendat kif ġej:

1. Artikolu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 1

1. Tingħata għajjnuna għal dud tal-ħarir li jaqa' taħt is-subintestatura 0106 00 90 tan-Nomenklatura Magħquda u għal bajd tad-dud tal-ħarir li jaqa' taħt is-subintestatura 0511 99 80 u li hu mkabbar fil-Komunità.

2. L-għajjnuna tingħata lil dawk li jkabbru d-dud tal-ħarir għal kull kaxxa bajd tad-dud tal-ħarir, bil-kondizzjonijiet li l-kaxxi jkollhom kwantità minima ta' bajd, li għandha tkun stabbilita, u li d-dud ikunu tkabbru b'suċċess.

3. L-għajjnuna għal kull kaxxa bajd tad-dud tal-ħarir użat għandha tkun ta' EUR 133,26."

2. Artikolu 2 jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 2

ikunu addottati regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament bi qbil mal-proċedura stabbilita f'Artikolu 4(2).

Ir-regoli dettaljati jkopru b'mod partikolari l-kwantità minima msemmija f'Artikolu 1(2), l-informazzjoni li għandha tintbagħat lill-Kummissjoni mill-iStati Membri u kull miżuri ta' spezzjoni biex jiproteġu l-interessi finanzjarji tal-Komunità minn frodi jew irregolaritajiet oħra."

3. Artikolu 4 jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 4

1. Il-Kummissjoni tkun assistita mill-Kumitat ta' Tmexxija għall-Kittien u l-Qanneb imwaqqaf bl-Artikolu 11 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1308/70 tad-29 ta' Ġunju, 1970 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-kittien u l-qanneb ^(*), minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Kumitat'.

2. Meta ssir riferenza għal dan il-paragrafu, japplikaw Artikoli 4 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Il-perjodu msemmi f'Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE jkun stabbilit għal xahar.

3. Il-Kumitat jadotta r-regoli tiegħu ta' proċedura.

^(*) ĠU L 146, ta' l-4.7.1970, p. 1."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Jibda japplika mill-1 ta' April, 2000.

⁽¹⁾ ĠU C 86 E, ta' l-24.3.2000, p. 9.

⁽²⁾ Opinjoni mogħtija fis-16 ta' Mejju, 2000 (għadha mhux ippublikata fil-*Ġurnal Uffiċjali*).

⁽³⁾ ĠU C 168, tas-16.6.2000, p. 17.

⁽⁴⁾ ĠU L 100, tas-27.4.1972, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar skond ir-Regolament (KEE) Nru 2059/92 (ĠU L 215, tat-30.7.1992, p. 19).

⁽⁵⁾ ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-iStati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, 17 ta' Lulju, 2000.

Għall-Kunsill

Il-President

J. GLAVANY
